MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 21/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**MARY LOURDES FORMOSA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mary Lourdes Formosa mart Frank bint Joseph Buttigieg u Mary Lourdes Abela imwielda fit-12 t'April 1955 u residenti Nru 89, Triq L-Imqades, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Numru 26055 G) akkuzata talli fit-28 t' Ottubru 2003 ghall-habta tas-2.00pm u fix-xhur ta' qabel bhala l-persuna licenzjata tal-hanut bl-isem "Ggantija Bazaar", li jinsab f'Maqdes Street, Xaghra, Ghawdex, qieghdet jew halliet li jitqieghed quddiem il-hanut taghha makna tal-bejgh awtomatika ghal bejgh ta'

l-ilma u xorb iehor minerali (soft drinks) minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Joseph Azzopardi is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali li ddikjara li huwa ma johrogx licenzji ghall-magni tax-xorb ta' bejgh awtomatiku u lil PS 755;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 6 (1) ta' l-Avviz Legali 119/2002;

Fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi il-Qorti tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza, konsegwentement tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------